MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 328/2007

**Reuben Brincat**
**K.I. 163178(M)**

**Vs**

**Patrick Sammut Ghigo**
**K.I. 271460(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' hames mija u tlett liri Maltin u hames centezmi (Lm503.05c) rapprezentanti prezz komplessiv ta' poloz ta' assigurazzjoni mahruga mill-attur bhala sub-agent ta' l-Atlas Insurance Agency, liema hlas huwa dovut mill-konvenut stess, ghal numru ta' vetturi ta' l-istess konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u tlett liri Maltin u hames centezmi (Lm503.05c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------